# TLIET ANNIVERSARJI

GRAZIO A. GRECH

Għal darb'oħra, din is-sena ser nerġa' nagħti tagħrif dwar tliet anniversarji konnessi mal-festa ta' San Ġwann Battista:

## 1910 - 110 SENA ILU

L-ewwel tagħrif li ser nagħti jikkonċerna l-festa tal-Battista tas-sena 1910, jew aħjar dik ta' 110 snin ilu. F'din is-sena, il-festi, kemm interni u kemm dawk esterni, saru b'solennità kbira, waqt li l-knisja kienet armata u mżejna tajjeb, *'questa bella e vasta chiesa era adornata con gusto veramente artistico e vi facevano sfoggio ricchi arrendi.'*

L-Isqof djoċesan kien assista mit-tron waqt il-quddiesa ta' nhar il-festa. Din kienet ukoll akkumpanjata mid-daqq tal-mużika. Il-paninġierku ta' filgħodu sar minn Mons. Kanoniku u Dekan tal-Katidral t'Għawdex Dun Ġużepp Farrugia, Protonotarju Appostoliku u Vigarju Ġenerali. Filgħaxija, qabel il-Vespri, għamel il-paninġierku, Patri Pio minn Għawdex, li kien Provinċjal tal-Kapuċċini.

Il-mużika li ħadet sehem lejlet u nhar il-festa kienet ta' Dun Vinċenz Bugeja u tas-servizzi li tat tħallset is-somma ta' seba' liri. Matul il-jiem tat-tridu u l-matutin, kien ħa sehem Mro Agostino Masini u tas-servizzi li ta tħallas is-somma ta' £24s.

Il-banda li ħadet sehem f'dawn il-festi tal-Battista kienet dik Leone tal-Belt Victoria u tas-sehem tagħha tħallset is-somma ta' erba' liri. It-trattament li kien ingħata lill-bandisti kien ilaħħaq is-somma ta' nofs lira, ħlas ta' ħalib, kafè u biskotti. Kien sar ħlas ta' ħames liri u nofs lil Davide Grech għal-logħob tan-nar, waqt li għall-illuminazzjoni kien sar ħlas ta' seba' liri.

Il-purċissjoni kienet waħda devota, waqt li l-banda allegrat lill-poplu matul il-jiem tal-festa.

## 1930 - 90 SENA ILU

Il-festa ta' San Ġwann Battista tas-sena 1930 hija waħda speċjali għas-Soċjetà Filarmonika Prekursur. Kien propju f'din is-sena li l-Banda Prekursur ħadet sehem għall-ewwel darba fil-festa tal-Battista. Dakinhar, il-festa saret mill-20 sal-24 ta' Ġunju 1930. Il-prietki tat-tridu saru minn Patri Filippu, Kapuċċin. Lejlet il-festa saret is-soltu translazzjoni solenni, waqt li l-għada, 24 ta' Ġunju, l-Isqof attenda mit-tron, waqt il-quddiesa solenni tal-festa. Il-paniġierku ta' filgħodu sar mill-Kappillan S. L. Catania, waqt li dak ta' filgħaxija sar minn Mons. Kan. Dun Fortunato Grech. Il-funzjonijiet tal-festa għamilhom Mons. Arċidjaknu tal-Katidral t'Għawdex Ġ. Pace, li wara sar Isqof tad-djoċesi ta' Għawdex. Il-Kanonċi tal-Katidral assistew lill-Isqof waqt il-pontifikal, u tħallsu bejniethom is-somma ta' 9s 6d., waqt li dawk li wasslu lill-Monsinjuri u lill-Isqof ix-Xewkija tħallsu bejniehom 8s.

L-organista li ħa sehem matul it-tridu u l-matutin kien Ġużeppi Zammit, li tas-servizzi li ta tħallas is-somma ta' seba' xelini. It-tenur Francesco Attard u l-baritnu Govanni Haber, tas-sehem tagħhom, tħallsu seba' xelini kull wieħed.

Il-mużika ta' matul il-festa kienet ta' Mro Anton Buhagiar, li tas-servizzi li ta tħallas is-somma ta' tnax-il lira u tmintax-il xelin. Dak li daqq l-offlè u dak li daqq il-kontrabaxx, waqt il-matutin, ħadu bejniethom is-somma ta' tliet xelini u 4 soldi. Ġorġ Gatt, talli kanta waqt it-tridu u l-matutin, tħallas is-somma ta' 2s 6d. Il-mużika ta' matul il-jiem tal-festa kienet immexxija minn Mro Anton Buhagiar u tas-servizzi li ta, tħallas is-somma ta' £12 18s.

Anġlu Fenech tħallas £3 10s, waqt li Pawlu Sciortino tħallas is-somma ta' £2 8s 9d, inkonnessjoni mal-mixgħela bit-tazzi taż-żejt. Intant, għall-illuminazzjoni bil-luċelettrika tħallset is-somma ta' £8.

Din is-sena, insibu żewġ ħlasijiet għal-logħob tan-nar. L-ewwel kont, li jinkludi l-logħob tan-nar tal-art, hu ta' £10 5s, waqt li l-ieħor hu ta' 16s 6d, li hu ħlas ta' 100 murtal bi prezz ta' żewġ soldi 'l wieħed. Anġlu Haber, talli ħa ħsieb it-tiżjin, tħallas sitt liri u sitt soldi. Bħas-sena 1929, ġew ukoll stampati 500 sunett bi prezz ta' seba' xelini. Saret ukoll it-tiġrija tal-bhejjem.

Kif diġà għedt, l-ewwel dehra fil-pubbliku tal-Banda Prekursur tax-Xewkija kienet propju fil-festi tal-Battista li ġew iċċelebrati mill-20 sal-24 ta' Ġunju 1930 fix-Xewkija, *'...che la Filar. del Casale 'Il Precursore'*

*farà la prima sua comparsa in pubblico in questa occasione'* u '...l-banda l-ġdida Banda Prekursur tal-istess raħal toħroġ fil-pubbliku għall-ewwel darba biex tagħmel id-dimostrazzjoni tal-istatwa.' Fil-fatt, fl-aħħar jum tat-tridu, il-Banda Prekursur ħadet sehem fid-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġwann jgħammed lil Kristu, u wara esegwiet programm mużikali, *'L'ultimo giorno del triduo la nuova filarmonica del Xeukija 'Il Precorsore' condurra a suon di marcia, alle ore 8 p.m. la statua di S. Giovanni battezzante il Salvatore, indi eseguirà un uno scelto programma.'* Tajjeb ninnota hawn li l-istatwa li biha saret id-dimostrazzjoni fl-1930 mill-Banda Prekursur hi l-istess statwa li fil-preżent tittella' fuq il-pedestall fil-pjazza prinċipali tar-raħal. Din l-istatwa hi xogħol tal-Kav. Wistin Camlleri u żżanżnet fil-festa tas-sena 1927. Din ħadet post l-istatwa ta' San Ġwann, magħruf bħala Iċ-Ċavett, li fil-preżent tittella' fi Triq il-Ħamrija, li hija wkoll xogħol ta' W. Camilleri u żżanżnet fis-sena 1912.

> **Feste esterne**
>
> Nei primi due giorni del triduo, illuminazione parziale, l'antevigilia, la vigilia e la festa illuminazione generale ad olio ed a luce elettrica. L'ultimo giorno del triduo la nuova Filarmonica di Xeuchia "Il Precursore" condurrà a suon di marcia, alle ore 8 p.m. la Statua di S. Giovanni battezzante il Salvatore, indi eseguirà uno scelto programma, poi vi saranno guochi pirotecnici. La vigilia alle ore 8 a.m. l'Arciprete benedirà cinque gonfaloni della nuova Filarmonica "Il Precursore", indi la suddetta Banda perlustrerà con gli stendardi e i palii e bandiere le vie principali del Casale. La sera alle ore 8, la suddetta Banda e quella "Il Leone" dopo briose marcie eseguiranno in Piazza Chiesa due scelti programmi, indi guochi pirotecnici. Il dì festivo durante il giorno le filarmoniche "Il Precursore" e "Il Leone" percorreranno diverse volte a suon di marcie le vie del Casale. Alle 4.30. corse dei quadrupedi; durante la Processione una delle filarmoniche accompagnerà la stessa e l'altra suonerà un programma nel bellissimo palco eretto in Piazza. Dopo la Processione uno altro programma musicale e guochi pirotecnici.
>
> Si noti che la Filarm. del Casale "Il Precursore" farà la prima sua comparsa in pubblico, in questa occasione.

Lejlet il-festa tas-sena 1930, l-Arċipriet bierek ħames standardi li kellha l-Banda Prekursur u wara daret mat-toroq ewlenin tax-Xewkija *'...l'Arciprete benedica cinque gonfaloni della nuova Filarmonica.'* F'nhar il-festa saru diversi marċi u programmi mużikali, kemm mill-Banda Prekursur u kemm mill-Banda Leone, *'...Filarmoniche 'Il Precursore' e 'Il Leone' percorreranno diverse volte a suon di marcia le vie del Casale.'* Dawn il-festi kienu għalqu bi programm mużikali fuq palk sabiħ u wara, bil-ħruq tan-nar, *'dopo la processione un'altro programma musicale e guochi pirotechnici.'*

Kif diġà rajna, fil-festa tas-sena 1930, barra l-Banda Prekursur, ħadet sehem ukoll il-Banda Leone tal-Belt Victoria. Is-servizzi tal-Banda Leone kienu lejlet u nhar il-festa. Ta' dawn is-servizzi l-Banda Leone tħallset is-somma ta' ħdax-il lira.

## 1950 - 70 SENA ILU

Il-festa tas-sena 1950 hija wkoll festa memorabbli. Il-festi f'din is-sena saru mill-21 sal-25 ta' Ġunju. Il-prietki tat-tridu saru minn Patri Tarciso Xerri O.F.M. li tħallas is-somma ta' tliet liri u ħmistax-il xelin. Il-paniġierku ta' filgħodu sar mill-Isqof Titulari ta' Tralles, Monsinjur Emnanuele Galea. Ta' dan u tal-vettura, Mons. Galea tħallas is-somma ta' tliet liri u ħmistax-il xelin. Il-paniġierku ta' filgħaxija sar minn Patri Pawlo Pisani O.C.M. Ta' dan u tal-vettura, Patri Pisani tħallas is-somma ta' żewġ liri u ħames xelini. Għall-vettura li wasslet lill-Isqof u l-Kanoniċi għall-festa tħallset is-somma ta' £2 10s.

L-organista li ħa sehem waqt il-matutin tħallas tnax-il xelin u nofs, waqt li dawk li daqqew l-ewfoji u l-kontrabaxx, ħadu ħames xelini. Ġanni Haber u oħrajn li ħadu sehem fin-novena u l-matutin ħadu bejniethom ħmistax-il xelin. Il-mużika li ħadet sehem matul il-jiem tal-festa, inkluż ukoll il-matutin, u responsarji, kienet ta' Mro Ġanni Vella u tas-servizzi li tat tħallset is-somma ta' £37.

Żakkarija u sħabu, talli żejnu l-knisja, il-pjazza prinċipali, il-palk u xi spejjeż oħra, laħqet is-somma ta' £34. Nikola Agius, tal-mixgħela ġenerali b'656 bozza, tħallas is-somma ta' £40. Għal-logħob tan-nar tħallsu, Anton Cilia £29 10s, waqt li Ninu Farrugia tħallas £9 18s.

Fil-festi ta' barra ħadu sehem iż-żewġ Baned Ċittadini Leone u La Stella. Il-Banda Leone ħadet sehem fit-tlett ijiem tal-festa, jiġifieri: il-Ġimgħa, fid-dimostrazzjoni bl-istatwa tal-Għammiedi, is-Sibt u l-Ħadd, f'lejlet u nhar il-festa. Lejlet il-festa, il-Banda Leone esegwiet programm mużikali, waqt li f'nhar il-festa, akkumpanjat il-purċissjoni. Ta' dawn is-servizzi tħallset is-somma ta' £46. Matul is-servizzi, il-bandisti tal-istess banda ngħataw diversi bibiti li swew is-somma ta' £6 10s.

Mill-banda l-oħra, f'din il-festa, il-Banda La Stella għamlet żewġ servizzi, u tħallset is-somma ta' £32. Iż-żewġ bibiti li ngħataw lill-bandisti tal-Banda La Stella ammontaw għas-somma ta' £5.

Ta' min jinota li kien f'din il-festa li żżanżan l-innu La Natività di San Giovanni Battista. Dan l-innu hu kompożizzjoni mużikali tas-Surmast Indrì Borg, waqt li l-versi tiegħu huma tas-Sur Ġużeppi Serafin Cutajar. Matul din il-festa, dan l-innu kien indaqq miż-żewġ baned tal-Belt Victoria Leone u La Stella.

Minkejja li fil-programm ma hemmx min daqq dan l-innu lejlet u nhar il-festa, madankollu, dan joħroġ ċar fis-snin ta' wara. Mill-1951 sal-1955, kienet il-Banda Leone li daqqet dan l-innu lejlet il-festa, waqt li l-Banda La Stella daqqitu f'nhar il-festa fis-snin 1951 u mill-1953 sal-1955.

N.B. Din is-sena ser jiżżanżan Innu mużikali grandjuż, komposti b'arti wisq imfaħħra mis-surmast Andrea Borg mill Belt Vittorja, bil-versi tal-poeżija tas-sur Giuseppe Serafinu Cutajar. L-Innu bit-tenur, is-sur Lopez u bil-Baritnu, is-sur Cachia, ser jindaqq miż-żewġ baned tal-Belt Vittorja, li ser ikun ukoll imsaħħaħ permezz tar-Rediffusion. Viva San Ġwann Battista.

Fis-sena 1952, il-Banda Leone daqqet dan l-innu, kemm lejlet, kemm f'nhar il-festa. Fl-esekuzzjoni ta' nhar il-festa tas-sena 1952, il-Banda Leone kienet taħt id-direzzjoni tal-kompożitur ta' dan l-innu, Mro Indrì Borg. Mis-sena 1956 u għal għadd ta' snin wara, kienet il-Banda Leone li esegwiet dan l-innu, kemm f'lejlet u kemm f'nhar il-festa tal-Battista.

Fl-esekuzzjoni ta' dan l-innu fis-sena 1950, kienu ħadu sehem tenur u baritnu Maltin, li ta' żewġ servizzi tħallsu s-somma ta' £7 10s, inkluż dak tal-vettura. Il-Banda Prekursur bdiet tesegwixxi dan l-innu mis-sena 1970 'l hawn.

# Il-Prekursur - Banda u Festa

Ta' Grazio A. Grech




Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann Battista ta' din is-sena, il-kittieb u storiku Grazio A. Grech, qed iniedi pubblikazzjoni ġdida bl-isem ta' *Il-Prekursur - Banda u Festa.* Din il-pubblikazzjoni, li fiha madwar mija u sitta u sebgħin faċċata, hija maqsuma fi tliet partijiet prinċipali. L-ewwel parti tinkludi l-Istorja dokumentata tal-Banda Prekursur, filwaqt li anke tagħti ħarsa lejn aspetti soċjokulturali, mużikali u reliġjużi marbuta ma' din l-istess soċjetà. Ta' interess partikolari hija d-dokumentazzjoni tas-servizzi li l-istess Banda Prekursur għamlet matul is-snin, mhux biss fix-Xewkija, iżda wkoll fi rħula oħrajn Għawdxin, Maltin u anke barra minn Malta. It-tieni parti tkopri l-festi marbuta mal-qaddis protettur San Ġwann Battista fix-Xewkija. Hawn insibu informazzjoni dwar il-mużika tal-knisja, il-Maestri di Cappella u anke tagħrif dwar baned Għawdxin u Maltin li pparteċipaw f'din il-festa. Fl-aħħar taqsima nsibu erba' bijografiji ta' personaġġi marbuta sew mal-qasam mużikali Xewki.

Din il-pubblikazzjoni qed tfakkar u tiċċelebra wkoll il-175 sena mill-wasla tal-istatwa ta' San Ġwann Battista fostna, id-90 sena minn mindu l-Banda Prekursur bdiet tieħu sehem fil-festa ta' San Ġwann u s-70 sena miż-żanżin tal-innu Per Natività di San Giovanni Battista.

**Kull min jixtieq jakkwista kopja ta' dan il-ktieb għandu jikkuntattja lil Anthony Grech fuq 79271924. Il-ktieb qed jinbiegħ għall-prezz ta' €20.**